Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Jannar 2019**
**(OR. en)**

**5343/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0377(NLE)**

**ACP 2**
**WTO 13**
**RELEX 27**
**COAFR 5**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 13846/18 - COM(2018) 729 final + ADD 1 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt imwaqqaf mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura għal evitar u soluzzjoni tat-tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-arbitri u l-medjaturi<br>- Adozzjoni |

1. Fil-5 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Konġunt imwaqqaf mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE min-naħa l-oħra, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura għal Evitar u Soluzzjoni Tat-Tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri u l-Medjaturi.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-13 ta' Diċembru 2018.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– jadotta, bħala punt "A", it-test li jinsab fid-dokument 15617/18, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti, li ser iservi ta' bażi għan-negozjati fil-Kunsill Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE, min-naħa l-oħra;

– jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.